MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 389/1998/1

**Joseph u Marianne mizzewgin Camilleri**

**vs.**

**George u Gemma mizzewgin Falzon.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Frar 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma propjetarji ta' ghalqa li tmiss ma propjeta` ta' l-atturi;

Illi fl-ghalqa tal-konvenuti thawlu sigar li jinsabu f'distanza mill-propjeta` ta' l-atturi inqas milli tippermetti l-ligi;

Illi l-gheruq ta’ dawk is-sigar qieghdin jikkawzaw hsara fil-propjeta` ta’ l-atturi;

Illi d-dell ta’ dawk is-sigar qed jaghmel hsara wkoll fl-ucuh tar-raba’ ta’ l-atturi;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li  l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-sigar fl-ghalqa taghhom qieghdin f’distanza inqas milli tippermetti l-ligi boghod mill-propjeta` ta’ l-atturi, b’dannu ta’ l-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti li jnehhu dawk is-sigar li jinsabu f’distanza inqas milli tippermetti l-ligi, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit, u fin-nuqqas l-atturi jkunu awtorizzati inehhu huma stess dawk is-sigar taht id-direzzjoni ta’ perit li jigi nominat a spejjes tal-konvenuti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba dawk is-sigar;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluz dawk ta’ l-ittra legali tat-3 ta’ Frar 1997 u ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Marzu 1997, kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti mehmuza ta’ l-atturi a fol 2 sa 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-14 ta’ Jannar 1999 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn il-kawza giet appuntata ghall-14 ta‘ April 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 8 ta’ Mejju 1999 a fol 11 fejn gie eccepit:-

1. *In linea* preliminari l-azzjoni attrici hi preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 2143 tal-Kodici Civili;**

2. *Inoltre* s-sigar *de quo* minhabba d-dislivell bejn il-fondi rispettivi qieghdin distenti mill-parti tal-hajt divizorju li jappertjeni, ex **artikoli 410 (2) Kodici Civili,** lill-eccipenti;

3. F'kull kaz, is-sigar *de quo* ma kkawzaw l-ebda dannu u dan kuntrarjament ghal dak allegat;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 11 u 12 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta' April 1999 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn il-Qorti innominat bhala perit tekniku lill-A.I.C. David Pace u l-kawza giet differita ghar-rapport ghat-23 ta' Gunju 1999.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku datat 7 ta' Mejju 1999 fejn talab li jigi sostitwit bhala Perit Tekniku f'din il-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u issostitwiet ghall-perit tekniku bl-istess inkarigu lill-AIC Joseph Jaccarini.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Gunju 2002 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna; u tad-9 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2003 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat ir-rikors ta' l-atturi tat-2 ta' April 2003 fejn talbu lill-Qorti joghgobha a tenur ta' l-**artikolu 672 (1) tal-Kap 12,** tiddispensa lill-istess perit tekniku milli jidher il-Qorti biex jaqra fil-pubbliku ir-relazzjoni tieghu, u jinghata l-fakolta` li jikkonferma bil-gurament fir-registru tal-Qorti r-relazzjoni tieghu, salv l-artikolu 377 tal-Kap 12 u kull provvediment opportun u l-Qorti hekk diversament presjeduta laqghet it-talba.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tas-sigar E Calleja a fol 26.

Rat il-verbali tas-seduti: tal-15 ta’ April 2003; tat-3 ta’ Gunju 2003; tas-26 ta’ Novembru 2003; tat-13 ta’ Frar 2004; tat-28 ta’ April 2004; tal-15 ta’ Ottubru 2004; tal-10 ta’ Novembru 2004; tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn il-Perit Joseph Jaccarini pprezenta r-rapport; tat-8 ta’ Marzu 2005

Rat ir-rapport tal-Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph Jaccarini pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2005 u mahluf fit-8 ta’ Marzu 2005, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati, l-istess rapport jinsab esebit minn fol 45 sa fol 100 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 11 ta’ Marzu 2005 (fol 101) fejn talbu lill-Qorti joghgobha tirremetti l-process lill-istess perit Jaccarini biex jaghmel stima tal-hsara ghall-fini tad-domandi attrici l-ohrajn. Il-Qorti ordnat n-notifika ta’ l-istess Perit Jaccarini li ghandu jaghti l-kummenti tieghu fi zmien ghaxart ijiem u ordnat ukoll li l-isess rikors jigi notifikat lill-kontro-parti bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph Jaccarini datat 8 ta’ April 2005.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 12 ta’ April 2005 (fol 105) fejn talbu li tigi determinata l-hsara fil-hajt, jigi likwidat d-danni u ghalhekk ghal dan il-fini taghti kull provvediment opportun.

Rat il-verbal tat-22 ta’ April 2005 fejn Dr Pawlu Lia ghall-konvenut prezenti irrileva li l-konvenuti ma gewx notifikati bir-rikors ta’ l-atturi u talab li jigu notifikati biex ikun jista’ jwiegeb ghat-talba ta’ l-atturi. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Mejju 2005 ghal dan l-iskop u eventwalment provvediment.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 9 ta’ Mejju 2005 a fol 107 fejn esponew li m’hemmx lok ta’ provi ohrajn rigward id-danni, u l-kawza tista’ titkompla ghat-terminazzjoni taghha.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Mejju 2005 fejn deher Dr. David Borg ghall-attur prezenti. Dr. Borg iddikjara li kkonsenja kopja tar-rikors tad-9 ta’ Mejju 2005 lil Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuti u l-kawza giet differita ghat-23 ta’ Gunju 2005 sabiex il-konvenut jiddikjara l-pozizzjoni tieghu *in vista* tal-kontenut tar-rikors tad-9 ta’ Mejju 2005.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-23 ta’ Gunju 2005 fejn deher Dr David Borg ghall-atturi u Dr. Phyllis Farrugia ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghad-9 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2005 fejn deher Dr David Borg li informa lill-Qorti li fl-ahhar granet inqala’ incident kagun ta’ sigra li waqghet u kisret il-hajt u x-xibka tal-hadid bir-rizultat li d-danni kkagunati lill-atturi zdiedu u ghalhekk jitlob li jinstema' l-attur biex jixhed ulterjorment dwar d-danni ulterjuri u l-kawza giet differita ghas-smiegh tax-xhieda ta’ l-attur ghall-11 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jananr 2006 mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta a fol 112 tal-process fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenut. Dr. David Borg ghall-atturi irrefera ghall-verbal tad-9 ta’ Novembru 2005 u ddikjara li m’ghandux aktar interess fl-istess u rrinunzja ghal kull talba ta’ danni dwar l-incident hemm indikat. Id-difensuri iddikjaraw li provi izjed ma hemmx u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta’ Marzu 2006.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Marzu 2006 fejn dehru Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuti u Dr. David Borg ghall-atturi. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-atturi huma proprjetarji ta’ ghalqa li tmiss ma’ proprjeta’ tal-konvenuti. Huma qed isostnu li l-konvenuti hawwlu sigar fl-ghalqa taghhom li jinsabu f’distanza mill-proprjeta’ tal-atturi anqas milli tippermetti l-ligi. Huma allegaw li l-gheruq ta’ dawn is-sigar qed jikkawzaw hsara fil-proprjeta’ taghhom. Anki d-dell ta’ dawn is-sigar qed jaghmel hsara wkoll fl-ucuh tar-raba’ taghhom. B’hekk huma qed jitolbu li dawn is-sigar jitnehhew u li jigu likwidati d-danni sofferti minnhom.

Illi l-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom eccepew preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2143 tal-Kodici Civili.** Inoltre’ s-sigar minhabba d-dislivell bejn il-fondi rispettivi qeghdin distanti mill-parti tal-hajt divizorju li jappartjeni lilhom. L-ebda dannu ma gie kkawzat.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-atturi qed jibbazaw il-kawza taghhom fuq l-**artikolu 437 tal-Kap 16.** Dan jipprovdi li:-

*“(1) Hadd ma jista’ jhawwel fil-fond tieghu sigar ta’ zokk gholi f’boghod ta’ anqas minn zewg metri u erbghin centimetru, jew sigar ohra f’boghod ta’ anqas minn metru u ghoxrin centimetru, mil-linja li taqsam il-fond tieghu mill-fond tal-gar.*

*(2) Id-dwieli, ix-xtieli, is-sisien tal-haxix, u kull sigra ohra li tinzamm baxxa sa gholi ta’ mhux izjed minn zewg metri u ghaxar centimetri, jistghu jithawlu f’boghod ta’ mhux anqas minn hamsa u erbghin centimetru mil-linja hawn fuq imsemmija.*

*(3) Il-gar jista’, sakemm ma jkunx ghadda z-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni, jitlob li s-sigar imhawwlin f’boghod anqas, jew li, ghalkemm ikun thalla dak il-boghod, ikunu jghamlulu hsara, jigu maqlugha bi spejjez tas-sid.*

*(4) Izda, il-qorti tista' taghti lil sid dawk is-sigar il-ghazla jew li jaqlaghhom, jew li jaghmel, bi spejjez tieghu, fossijiet jew xogholijiet ohra mehtiega biex ma tkun tista' ssir ebda hsara fil-fond tal-gar.*

*(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux meta l-fondi li jmissu ma' xulxin huma mifruda b'hajt, basta li s-sigar, ix-xtieli jew il-pjanti hawn fuq imsemmija jinzammu b'mod li ma jaqbzux il-gholi tal-hajt."*

Illi fis-sentenza **"G. Bezzina vs Il Can. Decano Sac. Gio. Carlo Borg Olivier"** (P.A. 3 ta' Mejju 1884 – Vol. X, p.467) wara li l-Qorti rreferiet ghall-artikolu appositu qalet :

*"…la prescrizione e' un modo di acquistare un diritto mediante un possesso continuo, non interrotto, pacifico, pubblico, e non equivoco, per un tempo determinato dalla legge. Essa e' ancora un mezzo per liberarsi da un azione, allorche' il creditore non abbia esercitato il suo diritto per un tempo dalla legge determinato."*

*"Attesoche' i possessori del fondo del citato, per quel che riguarda I due alberi di fico latteo, piantati in distanza minore della legale, colla stessa disubbidienza alla legge che e' di mero interesse privato, tollerata dal vicino cui compete azione fino a trent'anni per farglieli svellare, si sarebbero liberati da tale azione non esperita entro il tempo, senza intanto che con questo acquistassero una servitu' attiva sul fondo del vicino con diritto al passaggio delle radici entro tale fondo, poiche' e' la stessa legge speciale (art.34 capoverso secondo) che permette al vicino di tagliare le radici che s'inoltrassero sul suo fondo: l'acquiescenza del vicino, o sua taciturnita' per anni trenta importerebbe percio' in tale caso la liberazione del fondo in cui gli alberi sono col divieto della legge di piantare entro certi limiti, ma non anche l'acquisto di un diritto sul fondo altrui;"*

Illi dan gie kkonfermat ukoll fis-sentenza **"S. Caruana vs V. Pace"** (P.A. 9 ta' Mejju 1890 – Vol.XII, p.459) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet :-

*"…..l'azione per lo svellimento di un albero piantato a distanza minore di quella stabilita dalla legge, poteva, e quando l'albero sia stato piantato sotto lo impero di questa legge vigente, puo' ancora essere esercitata dal giorno stesso della piantazione; e da quel giorno pertanto, si deve computare il tempo necessario per la prescrizione, ma quando la causa della azione, e' quella era dall'attore allegata, cioe' il danno, che dallo albero risente il suo fondo, il tempo per la prescrizione non puo' cominciare a correre prima del cominciamento del danno;"*

Illi fl-istess termini kienet is-sentenza **"G. Spiteri vs C. Desira"** (25 ta' Ottubru 1952). Illi jinghad ukoll fis-sentenza **"A. Gatt vs S. Gatt"** (2 ta' Ottubru 1944) il-Qorti kkunsidrat:-

*"Illi skond il-ligi, sigar ta' zokk gholi ma jistghux jigu mhawlin aktar vicin minn tmien piedi mil-linja li tiddividi l-fond minn dak tal-vicin; u sigar ohrajn, eccettwati dwieli arbusti, sjepi vivi u s-sigar l-ohrajn, mizmumin nani, f'gholi ta' mhux aktar minn sebgha piedi, li ghalihom hemm regola ohra, ma jistghux jigu mhawlin aktar vicin minn erbgha piedi mil-linea fuq imsemmija. Jekk sigar simili jigu mhawlin aktar vicin mid-distanzi fuq imsemmijin, il-proprjetarju tal-fond vicin, sakemm ma jkunx ghadda z-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni, jista' jezigi li dawk is-sigar jigu maqlugha a spejjez tal-proprjetarju, u l-istess dritt ghandu, anki fil-kaz li jkunu gew osservati l-imsemmijin distanzi, jekk b'dana kollu dawk is-sigar jikkagunawlu hsara. Il-Qorti tista' taghti lill-proprjetarju l-ghazla li jaqla' s-sigar jew jaghmel a spejjez tieghu l-opri sufficjenti biex jinpedixxu kull dannu lil fond vicin;"*

Illi f'din il-kawza gew nominati bhala espert tas-sigar is-Sur Eman Calleja u lill-Perit A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit u t-tnejn li huma hejjew ir-relazzjoni taghhom.

Illi l-Perit Joseph Jaccarini sema' x-xhieda prodotti, zamm access fuq il-post in kwistjoni u ha anki xi ritratti. L-**attur** fix-xhieda tieghu qal li s-sigar tal-konvenut thawlu xi tlettax-il sena ilu (hu kien qed jixhed fi Frar 2000) u kienu ghadhom qed jikbru meta kien talab lill-konvenut biex

inehhihom. Il-konvenut kien qallu li kien bi hsiebu li jaghmel hekk ghax kienu tat-tifel. Huwa dehrlu li s-sigar kienu qed jaghmlulu hsara ghaliex fejn jinzergha l-qamh ma jitlax u xi dwieli kienu mietu. Dawn is-sigar qed ixaqilbu fuq l-art tieghu u kienu qed jaghmlu dell fuq l-istess art. Fl-ahhar qal li huwa fuq il-hajt ghandu *chain link fencing* u jibza' li dan jista' jinqaleb minhabba s-sigar. Huwa qal li fuq in-naha tieghu kien hawwel xi dwieli f'zewg okkazzjonijiet izda dawn mietu. Qabel ma l-konvenut hawwel is-sigar, l-attur kellu dwieli antiki vicin il-hajt fl-ghalqa tieghu izda dawn mietu. Huwa semma wkoll hsara fil-hajt tas-sejjiegh.

Illi l-mara tal-attur, **Marianne Camilleri,** kkonfermat id-dikjarazzjoni li kienet ghamlet flimkien ma' zewgha kif ukoll ix-xhieda li kien ghadu kif ta zewgha. Hija ziedet li ghalkemm kienu talbu lill-konvenut biex inehhi s-sigar kien rega' hawwel sigar ohra u kienu anki baghtulu ittra bonarja datata 3 ta' Frar 1997 (Dok. "MC 1" a fol.74) u ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 1997 li giet notifikata lill-konvenuti fit-22 ta' Marzu 1997 (Dok. "MC 2" a fol.75 sa fo.77). Hija nnutat li l-hajt tas-sejjiegh kien izaqqaq fuq l-art taghhom u kienet qed tistenna li jiggarraf.

Illi l-konvenut **George Falzon** xehed li l-ghalqa tieghu tinsab tlett piedi u nofs 'il fuq mill-ghalqa tal-atturi u s-sigar kien hawwilhom mal-hajt. Dawn is-sigar thawwlu skond huwa bejn is-sena 1969 u 1970. Huwa cahad li qatt qal lill-attur li kien bi hsiebu jaqla' s-sigar meta jikbru xi ftit ghax huwa ma kienx se jhawwel sigar biex wara jaqlaghhom. Huwa qal li ilu hamsin sena jahdem fir-raba' u kien ghamel sentejn ma' l-Ammiral ihawwel is-sigar f'Hal Far meta kien jahdem ma' espert Olandiz. B'referenza ghad-dwieli tal-atturi li mietu huwa dehrlu li d-dwieli ma kienux mietu izda kienu nqalghu minnhom stess u ma kienx jaf li kienu zerghu dwieli ohra. L-gheruq tas-sigar jimxu fl-ghalqa tieghu stess ghaliex ifittxu t-tajjeb. Huwa zied li qabel ma fethu l-kawza l-atturi kienu firxu l-hamrija u b'hekk ghollew il-livell tal-ghalqa taghhom u dan fejn qabel kien anki jidher il-blat.

Illi l-Perit Joseph Jaccarini fl-ewwel lok innota mill-access li zamm fis-6 ta' Ottubru 1999 li l-ghalqa ta' l-atturi hija msejjha bhala "L-Art tal-Knisja go Triq il-Qortim iz-Zurrieq u l-ghalqa adjecenti maghha hija dik proprjeta' tal-konvenuti u hija hekk indikata fil-pjanta a fol. 57 tal-process u mmarkata bhala Dok. "JMJ 1"; fl-istess waqt huwa indika r-ir-ritratti tas-sigar li jinsabu esebiti bhala Dok. "JMJ 2" (fl-istess ritratt hemm indikat l-hajt divizorju u wkoll ic-*chain link fencing* u s-sigar ta' l-ewkaliptus, tali ritratt mehud mir-raba ta' l-atturi), Dok. "JMJ 3" (dan jindika s-sigar li hemm mal-hajt divizorju bejn l-ghelieqi rispettivi u mehud mill-ghalqa tal-konvenuti) u Dok. "JMJ 4" (liema ritratt ittiehed mill-ghalqa tal-konvenuti u juri s-sigar li hemm mwahhla ma' genb il-hajt divizorju tas-sejjiegh u l-iehor li ttiehed mill-ghalqa ta' l-atturi li juri l-hajt divizorju bic-*chain link fencing* u s-sigar li hemm fl-ghalqa tal-konvenut), a fol. 58 sa 60 tal-process, kollha fl-istess relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku pprezentata fit-18 ta' Jannar 2005 u mahlufa minnu fit-8 ta' Marzu 2005; huwa kkonstata ukoll li l-ghalqa tal-konvenuti hija il-fatt *"cirka sitt pulzieri ghola minn dik ta' l-atturi"* u rrelata b'dan il-mod (a fol. 55 tal-process):-

*"Is-sigar li hemm tal-ekwilaptus jidhru li thawwlu qrib il-hajt kuntrarju ghal dak li hemm stipulat fuq id-distanzi li ghandhom jinzammu sigar meta jittawlu ma' genb hajt divizorju li jifred proprjetajiet differenti. A prima vista u ghab-bazi ta' dak li gie konstatat, jidher li l-konvenut ma osservax dawk il-provvediment indikati fil-Kodici Civili."*

Illi fil-fatt dan jinsab konstatat kemm mir-ritratti esebiti u wkoll mill-osservazzjonijiet ta' Charles Grech fir-rapport tieghu esebiet bhala Dok. "CG 1" fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2001 a fol. 80 *et sequitur* fejn jghid li hemm appuntu dawn iz-zewg sigriet ta' ewkaliptus, ta' l-ispeci Ewkaliptus gomfocefala maghrufin ukoll bhala sigar tal-gamiem, bil-Latin *(Eucalyptus gomphocephala DC)* u bl-Ingliz *"Tuart" "jinsabu mwahhla ezatt mal-hajt tal-qasma. Dawn huma zewg sigriet imdaqqsa mwahhla xi 3.2m 'il-boghod minn xulxin".* Fil-fatt kompla jghid li dawn is-sigar twahhlu ezatt mal-hajt tal-qasma u dan bi ksur ta' l-**artikolu 437 (1) tal-**

**Kodici Civili.** Dan jaqbel perfettament ma' dak li jirrizulta f'din il-kawza anke mill-perizja teknika.

Illi ghalhekk bla ebda dubju l-**artikolu 437 (1) tal-Kodici Civili** ma giex osservat mill-konvenuti u ma hemm l-ebda dubju li dan l-artikolu japplika ghall-kaz in ezami u dan ghaliex l-istess sigar huma skond l-imsemmi espert sigar taz-zokk gholi skond l-imsemmi artikolu u fil-fatt dawn is-sigar jolghew sa gholi ta' 43 metru. *In vista* ta' dan jirrizulta ppruvat li l-konvenuti hawwlu s-sigar mertu tal-kawza, li huma zewg sigar tal-ekwaliptus, mhux fid-distanza permessa mill-ligi.

Illi ghal dak li ssottometta l-konvenut dwar id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 437 (5) tal-Kap.16,** jirrizulta li ghalkemm l-eghlieqi huma mifruda b'hajt is-sigar imsemmija qabzu l-gholi ta' l-istess hajt u allura l-**artikolu 437(5) tal-Kap.16** mhux applikabbli ghal kaz in ezami.

Illi minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi rigettata u dan peress li s-sigar gew imhawwla f'distanza mhux skond l-ligi.

Illi l-konvenuti eccepew ukoll il-preskrizzjoni abbazi ta' l-**artikolu 2143 tal-Kodici Civili.** Illi mill-gurisprudenza fuq imsemmija jirrizulta li l-preskrizzjoni li biha l-ligi tolqot l-azzjoni ta' min irid jitlob ir-rimozzjoni ta' sigar li ma jkunux imhawlin fid-distanza legali, jew li jkunu qeghdin jaghmlulu hsara fil-fond tieghu, hija dik ta' tletin sena, li jibdew ighaddu mill-jum li fih thawlu s-sigar.

Illi l-atturi sostnew li l-istess sigar twahhlu xi tlettax-il sena qabel xehed fit-8 ta' Frar 2000, mentri l-konvenut sostna li tali sigar twahhlu fis-sena 1969 jew 1970 u la darba l-kawza giet prezentata fis-26 ta' Frar 1998 ma jidhirx li tali terminu eccepiet mill-konvenuti ghadda, ghaliex it-tlettin sena ma lahqux ghaddew anke jekk wiehed jikkonsidra biss iz-zmien li semma' l-konvenut fix-xhieda tieghu.

Illi apparti dan l-espert tas-sigar Eman Calleja gie appuntat mill-Qorti diversament presjeduta sabiex jiddetermina kemm ghandhom snin is-sigar mertu tal-

kawza odjerna, u dan l-istess espert zamm access fuq il-post u ha zewg *specimens* minn kull sigra u zewg ritratti. Dawn intbaghtu lill-laboratorju tad-Dendrokronologija fid-Dipartiment tal-Protezzjoni tal-Pjanti fl-Universita' tal-Forestry ta' Sofia, Bulgarija biex jigu analizzati u tigi determinata l-eta' li ghandhom is-sigar. Illi s-Sur Calleja li kien qieghed jirrelata fi Frar 2003 (filwaqt li l-kawza bdiet fis-26 ta' Frar 1998) u ikkonkluda hekk (a fol.26):-

*"Ir-rizultat tal-analizi tal-laboratorju mill-Bulgarija huwa li miz-zewg sigar wahda ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena u l-ohra tlieta u ghoxrin (23) sena."*

Illi konsegwentement tali rizultat iwassal lil din il-Qorti biex tichad ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tletin sena abbazi ta' l-**artikolu 2143 tal-Kap 16.** Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici qed jigi milqugha.

Illi ghalhekk jifdal li jigu trattati t-tielet u r-raba' talbiet attrici cioe' li jigu likwidati d-danni sofferti mill-atturi minhabba dawk is-sigar. L-atturi sostnew li mietulhom xi dwieli kif ukoll li l-qamh li nzera' ma telax minhabba d-dell tas-sigar. Apparti mix-xhieda li taw l-atturi huma pprezentaw rapport imhejji minn perit *ex parte*, is-Sur Charles F. Grech (Masgâr u Maniger Ambjentali) (a fol.80 *et sequitur* tal-process). Huwa rraporta li *"minhabba l-gheruq u l-fatt li dawn is-sigar huma ga stabbiliti, huma qeghdin iwaqqfu u ma jhallux jikbru l-arbuxxelli tad-dwieli li s-Sur J.M. Camilleri jixtieq ihawwel fl-art tieghu skond ma taghtih il-ligi (artikoli 437 (2) tal-Kodici Civili) filwaqt li arbuxxelli ohra tad-dwieli li ga kienu hemm marru lura wkoll."*

Illi l-atturi pprezentaw nota (a fol.87 tal-process) li biha ddikjaraw x'inhuma d-danni ikkagunati lilhom mis-sigar li hawwel il-konvenuti mal-hajt tar-raba' taghhom, izda din il-Qorti thoss li tali allegati danni pretizi ma gew bl-ebda mod ippruvati u fil-fatt lanqas biss huma msemmija jew indikati mix-xhieda stess prodotta mill-atturi, inkluza dik ta' Charles Grech, prodott mill-istess atturi.

Illi l-Perit Tekniku Joseph Jaccarini ma kkonstatax il-hsara. Infatti wara rikors min-naha tal-atturi f'dan ir-

rigward huwa pprezenta risposta (a fol.103 tal-process) fejn issottometta li *"waqt l-access li zamm li minnu ma hareg xejn dwar il-hsara allegata mill-atturi kif jidher tajjeb mir-ritratti esebiti fl-istess relazzjoni."*

Illi kwindi l-allegazzjoni attrici f'dan is-sens ma gietx pruvata. Inoltre' jinghad b'referenza ghan-nota attrici li biha gew kwantifikati l-allegati danni sofferti minnhom zgur li ma tissodisfax il-principju legali li ghandha tingieb l-ahjar prova. Infatti ghalkemm giet avvanzata pretensjoni ghall-ammont ta' elf mija u sittax-il lira Maltin (Lm1,116) ebda ricevuti ma gew annessi ma' l-istess nota u wkoll l-ebda prova ohra ma ingabet sabiex l-atturi jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom ta' l-qliegh minn kull dielja. B'hekk it-tielet u r-raba' talbiet attrici qed jigu michuda u dan peress li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li d-danni hemm riklamati ma gewx ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi, b'dan li qed tigi milqugha t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u dan inkluz l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hemm ecceppieta abbazi ta' l-**artikolu 2143 tal-Kap 16,** u dan peress li l-ewwel zewg eccezzjonijiet huma insostenibbli, u fil-waqt li **tichad it-tielet u r-raba' talba attrici** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati f'din id-decizjoni, u fil-waqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti b'referenza ghall-istess tielet u raba' talba tac-citazzjoni attrici, **tilqa' biss l-ewwel zewg talbiet attrici** u dan limitatament ghal dak hawn deciz b'dan illi:-

(a) Tiddikjara illi s-sigar tal-ewkaliptus indikati fir-rapporti teknici tal-perit tekniku Joseph M Jaccarini u ta' l-espert Eman Calleja fuq indikati fl-ghalqa tal-konvenuti qeghdin f'distanza anqas milli tippermetti il-ligi il-boghod mill-proprjeta' tal-atturi, kollox kif fuq premess.

(b) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-Perit Arkitett Joseph M. Jaccarini u ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti jnehhu dawn l-istess sigar tal-ewkaliptus fuq indikati li jinsabu f'distanza inqas milli tippermetti l-ligi u dan fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) jum mid-data ta' din is-sentenza, u fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan fit-terminu qasir u perentorju hawn indikat, din il-Qorti tawtorizza lill-atturi sabiex ukoll taht id-direzzjoni u supervizzjoni ta' l-istess Perit Arkitett Joseph M Jaccarini u a spejjez ta' l-istess konvenuti inehhu huma stess l-indikati sigar.

(c) Tichad it-tielet talba attrici ghar-ragunijiet fuq indikati.

(d) Tichad ir-raba' talba attrici ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Frar 1997 u tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1997, u tal-periti teknici kontra l-konvenuti, hlief ghal-ispejjez tat-tielet u r-raba' talba attrici li ghandhom jigu ssoportati mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------